# Il-Lampa tas-Sagrament

*(Fil-knisja ta' l-Orsolini, tas-Sliema)*

Fil-knisja ċkejkna l-ebda ħoss. Lubiena
l-aħħar dija tax-xemx tħammar fit-tieqa
bla ħeġġa: jibki leħen ta' qanpiena:
l-agħsafar jithejjew għal nagħsa wtieqa.

Waħdi fil-knisja wħedha, b'qalb għajjiena
mill-ġlieda ta' kull jum f'ħajja qarrieqa,
f'riġlejn l-artal fejn tgħix l-IMĦABBA, jiena
qiegħed kolni miġbur f'ħolma għaxxieqa.

Sikta wi dlam; iżda fid-dlam u s-sikta
hemm lampa ċkejkna tixgħel bla ma tehda;
żejt ċar bħad-dmugħ u tazza mingħajr nikta.

Ta' soru tajba x-xgħil ħidma ħafifa:
'mma f'dak ilsien tan-nar, tal-Mara Mwiegħda
jixgħel il-ħsieb, tħabbat il-qalb nadifa.

Nhar is-Salvatur,
10-15—11.15 a.m.